

# Il-Festi ta' Santa Katarina V.M.

## *Fil-bidu tas-Seklu Għoxrin*

kitba ta' Angelo Schembri

F'kull Għassa tal-puluzija mxerrda madwar pajjiżna, jinżammu Reġistri msejħa tal-Okkorrenzi, li fihom jiġu mniżżla r-rapporti li jidħlu ta' kuljum. Din kienet u tibqa' prattika tajba biex jiġu dokumentati l-illegalitajiet. Ovvjament li r-rapporti li jsiru lill-Puluzija mhux ser ikunu dwar affarijiet sbieħ jew li jnisslu l-ferħ, iżda minnhom, illum il-ġurnata nistgħu nevalwaw aħjar il-ħajja ta' niesna fl-imgħoddi mbiegħed. Mhux l-intenzjoni ta' dil-kitba li nċaqlaq it-trab li laħaq qagħad fuq medda ta' mitt sena, iżda tiskanta minn sempliċi rapport kemm joħorġu fatti li jkunu tassew dokumentati. L-Għassa tal-puluzija fiż-Żurrieq sa minn dejjem kienet waħda distrettwali, jiġifieri li jkollha l-għases l-oħrajn tal-madwar jiddependu minnha u jirrispondu lilha. Għalhekk l-għassa taż-Żurrieq kienet u għadha tiġbor l-irħula ta' Ħal Kirkop, Ħal Safi, l-Imqabba u l-Qrendi u r-Reġistri tal-Okkorrenzi li semmejt fil-bidu jixhdu kulma kien iseħħ f'dawn il-ħamest irħula rurali fin-nofsinhar ta' Malta. Sa sentejn ilu, dawn ir-Reġistri kienu jinżammu fi kmajra fil-binja tal-Għassa fi Triq Santa Katarina V.M., ftit passi 'l bogħod mill-Parroċċa ddedikata lilha. F'Settembru 2013, bit-tħabrik tal-Arkivista Nazzjonali s-Sur Charles Farrugia, dawn ir-reġistri ttieħdu fl-Arkivji Nazzjonali tar-Rabat biex ikunu jistgħu jiġu kkonsultati mill-pubbliku u jintużaw għar-riċerka bl-akbar kumdità. Dan kien li wassalni biex nibda nirriċerka dawn ir-reġistri, u minkejja li l-ewwel tiftix għamiltu fuq ir-raħal fejn ngħix, spiċċajt żidt miegħu tlett irħula oħra. (1) Ħafna mill-okkorrenzi huma ta'xejra normali għal dak iż-żmien. Jissemmew fost l-oħrajn: ġlied bejn in-nies fit-toroq, dagħa jew kliem ħażin fil-pubbliku, rimi ta' ilma maħmuġ barra, karettuni mingħajr fanali li jitħallew barra mal-lejl u mwiet ta' annimali li jittieħdu fl-inċineratur ta' San Vincenz għall-ħruq. Imbagħad hemm każi li jżidu fil-gravità tagħhom bħall-qtil, theddid, ittri anonimi u bombi ma' residenzi, vendikazzjonijiet u serq. Eżempju ta' serqa kien ir-rapport li nkiteb fil-21 ta' Settembru 1910 meta l-Arċipriet Dun Emanuele Mifsud avża lill-Ispettur A. Naudi, li bejn is-6 u s-7 ta' dik l-għodwa, sab nieqes id-disinn tal-pulptu li kien imdendel għall-wiri fis-Sagristija tal-Knisja Arċipretali.



Ovvjament, l-inċidenti fi żmien il-festi ma kinux jonqsu u huwa dan l-iżjed li nteressani niġbor minn dawn l-Okkorrenzi. Irridu nżommu quddiem għajnejna li l-bidu tas-seklu għoxrin kien wieħed li ra l-festi titulari u dawk sekondarji jibdew il-konfronti bejniethom sforz il-pika li nibtet ftit snin

qabel. Mir-rapporti li segwejt fiż-Żurrieq, Ħal Kirkop, l-Imqabba u l-Qrendi, joħroġ ċar li fil-ġranet ta' qabel ma kienu jiġu ċċelebrati l-festi f'dawn l-irħula, kien jiżdied il-ġlied bejn gruppi ta' nies fit-toroq. Ovvjament, l-Okkorrenzi ma jispeċifikawx ir-raġuni tal-ġlieda xi tkun, iżda nemmen li dal-ġlidiet kienu mezz li bih il-poplu juri l-lealtà lejn il-partit tal-festa li sar jiffavorixxi. Fil-każ taż-Żurrieq sibt saħansitra ġlieda simili bejn madwar erbgħin raġel! Dawn ir-Reġistri tal-Okkorrenzi fid-distrett tagħna bdew jinżammu sa mis-sena 1900 u proprju tliet snin wara, fl-1903, sibt l-ewwel rapport rilevanti għall-Festa ta' Santa Katarina V.M.. Fl-4 ta' Novembru 1903 saret tfittxija f'kamra fl-għelieqi fiż-Żurrieq u nstab li fiha kien qiegħed jinħadem in-nar illegalment. Minn din il-kamra, ġew elevati numru ta' murtali tal-kulur u murtali tal-bomba. Nota fil-ġenb ta' dar-rapport tgħid li din il-kamra hija proprjetà ta' Dun Paolo Saydon u li l-muftieħ tagħha kien għand ċerta Paola Bondin tal-Bait, li binha Carmelo kien wieħed mill-grupp li kellhom aċċess għal din il-kamra. Ftit iżjed 'l isfel minn dan ir-rapport, inkiteb ieħor fl-istess ġurnata li jgħid li l-Puluzija ġabru iżjed murtali, fosthom 672 bomba tal-putassa (2) mir-residenza 70, Strada Brittannica, li wkoll kienet ta' Dun Paolo Saydon. Dawn il-murtali kienu qegħdin jinżammu hemmhekk mingħajr permess tas-Supretendent tal-Puluzija. Wieħed jikkonkludi li dan in-nar kien qiegħed jinħadem għall-Festa ta' Santa Katarina V.M. għal żewġ raġunijiet: id-data peress li t-tfittxijiet saru fil-bidu ta' Novembru, meta madwar tlett ġimgħat wara kellha tiġi ċċelebrata l-Festa fil-25 tax-xahar, u wkoll isem is-saċerdot Dun Paolo Saydon li kien Prokuratur tal-Festa ta' Santa Katarina. (3) Wieħed jasal jammira l-involviment ta' dan is-saċerdot, li kkonċeda r-residenzi tiegħu biex fihom jinħadem u jinħażen in-nar, sforz kemm kien imħeġġeġ lejn il-Festa tal-Parroċċa. Dal-fatt ta' nar li jinħadem f'postijiet fil-pubbliku mingħajr permess, sibtu komuni anke fl-irħula l-oħra li semmejt iżjed qabel. Ħadd ma kien għadu ħolom b'postijiet tan-nar kif nafuhom illum. Fattur ieħor li joħroġ minn dawn ir-rapporti huwa, li l-Puluzija, qabel kull festa li kienet tiġi ċċelebrata fl-irħula, kienet tagħmel tfittxijiet f'diversi djar u għelieqi ta' partitarji prominenti, u f'ħafna mill-każi, r-riżultat kien ikun fl-affermattiv u jiġu kkonfiskati l-murtali u l-materjal piroltekniku li kienu jinstabu.



Każ ieħor interessanti li ġie rrappurtat, seħħ lejliet il-Festa ta' Santa Katarina V.M. fl-24 ta' Novembru 1912, meta Giovanni Mallia, magħruf bħala il-Bizlech, kiser il-paċi pubblika bl-għajjat. Agħar minn hekk, Mallia tefa` t-tank tal-aċitilena li kien idawwal l-Ark Trijonfali fi Piazza Maggiore, b'mod li dan ġie dlam ċappa waqt li fl-istess Pjazza kien qed jiġi esegwit programm mużikali minn banda. Ovvjament dan l-aġir wasslu

biex kellu xi jgħid mal-Ispettur A. F. Inglott waqt il-qadi ta' dmirijietu u kompla ggrava s-sitwazzjoni billi xewwex in-nies kontra l-Ispettur Inglott. Xehdu kontra Giovanni Mallia, l-Arċipriet Emmanuele Mifsud, Dun Giuseppe Farrugia (il-Lasta) (4) u Dun Paolo Saydon. Eżattament sena wara dal-każ, f'lejliet il-Festa tal-1913, jerġa' jseħħ inċident ieħor fl-istess Piazza Maggiore. Waqt li folla ta' nies kienet qed tassisti għall-murtali li bdew jiġu mtella` mill-ġnien tac-Circolo Santa Caterina, murtal minnhom waqa' fin-nies u sploda f'nofshom. Fortunatament it-tmienja minn nies li weġġgħu, kellhom biss ġrieħi ta' natura ħafifa. Jissemmew Rosa Schembri tan-Nekus, Maria, Francesca u Concetta Mangion ta' Beneditt, Salvatore Cachia ix-Xtaila, Caterina Mangion tal-Lellex, Carmela Abdilla ta' Pupoll u Concetta Caruana tal-Bandu. Immedjatament kif seħħ dan l-inċident, il-Pulizija waqqfu l-ħruq tan-nar u kkonfiskaw kwantità kbira ta' murtali. Minn rapporti bħal dan wieħed jieħu wkoll idea tal-laqmijiet taż-Żrieraq. (5) Każ ieħor xejn sabiħ jiġi rrappurtat għal darb oħra mill-Arċipriet Emmanuele Mifsud lill-Ispettur Gauci fit-23 ta'Lulju 1917. L-Arċipriet jgħid li fil-lejl ta' qabel, persuni mhux magħrufa kissru ħġieġa minn niċċa tal-istatwa titulari ta' Santa Katarina V.M. fil-Knisja Arċipretali u minn vetrina li kienet fl-istess niċċa, serqu xi ċrieket u msielet. Ir-rapport jgħid li dil-vetrina kellha fiha bosta deheb u fidda bħala donazzjonijiet votivi taż-Żrieraq lill-Patruna tagħhom. Dar-rapport ġie mgħoddi lill-Maġistrat tal-Għassa Dr. Giovanni Battista Mifsud li għamel inkjesta fuq il-post, jigifieri fil-Knisja stess. Ir-rapport jintemm jgħid li kienu għadhom mhux magħrufa l-kwantità, il-valur u l-għamla tal-oġġetti misruqa. Minn dar-rapport wieħed jimmaġina li n-niċċa tal-istatwa titulari ta' Santa Katarina V.M. ma kinitx kif nafuha llum, fi kliem ieħor ħġieġa waħda sħiħa, iżda aktarx kienet simili għal dawk li hemm fl-Oratorju, jiġifieri ħġieġa mdaqqsa fin-nofs u oħrajn iżgħar t'għamla rettangolari mdawwrin magħha.



Kemm il-Festa ta' Santa Katarina V.M. kienet sa minn dejjem l-okkażjoni prinċipali tar-raħal, jixhduh diversi rapporti li kienu jidħlu fil-jiem tal-festa tagħha, fejn diversi Żrieraq kienu jirrappurtaw li tilfu jew insterqilhom id-deheb li kienu jkunu lebsin. Din kienet waħda mill-użanzi ta' niesna li għall-okkażjonijiet speċjali jiżżejnu bid-deheb kollu li kien ikollhom. Dawn ir-Reġistri tal-Okkorrenzi huma fatti dokumentati li seħħew tassew u li jkomplu jitfgħu iżjed dawl fuq l-istorja tal-irħula tagħna u l-festi tagħhom. J'Alla artikli bħal dan u oħrajn, iservu biex tkompli dejjem tingħabar iżjed storja minsija mal-medda tas-snin u jnisslu nostalġija u kburija bl-istorja għanja tal-Festa tal-Patruna taż-Żrieraq Santa Katarina Verġni u Martri ta' Lixandra.

Referenzi:

1. Ir-riċerka li għamilt f'dawn ir-reġistri tal-okkorrenzi s'issa ġiet ippubblikata f'ħames artikli: 'Għelt il-Koppin fil-Bidu tas-Seklu Għoxrin' f'Soċjetà Mużikali San Ġużepp Ħal Kirkop Festi 2014 u 2015, 'Il-Qrendi u l-Festa Titulari tal-Assunta mal-Qalba tas-Seklu Għoxrin' f'Soċjetà Mużikali Santa Marija Qrendi Festi 2014 u 2015 u 'L-Imqabba ta' Mitt Sena ilu' f'Socjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju Mqabba Festa 2015.
2. Il-putassa hija materjal splussiv użat fl-arti piroteknika bħalma huma l-perklorat u l-antimonju fost l-oħrajn.
3. Dun Pawl Saydon, magħruf bħala Tal-Pirjola, nħatar Prokuratur tal-Knisja Arċipretali f'Jannar 1887 u għamel 45 sena sa ma miet fl-1932 f'din il-kariga. Flimkien mal-Arċipriet Dun Manwel Mifsud, huwa kien strumentali għal numru kbir ta' proġetti ta' tisbiħ fit-Tempju Katarinjan u anke f'opri sagri biex jintużaw għall-Festa tal-Parroċċa. Fosthom nista' nsemmi l-Ostensorju tant sabiħ tal-fidda ddisinjat mill-Kappillan ta' Ħal Kirkop Dun Ġużepp Barbara D.D. fl-1901 u l-apparat pontifikali fl-1903 u l-1904 ddisinjat minn Luigi Portelli u Arturo Galdes. Dun Pawl Saydon, flimkien m'oħtu Grezz Farrugia ħallsu għall-ispiża tal-Induratura mill-ġdid li saret minn Frangisku Coleiro fl-1915, liema nduratura dis-sena qed jitfakkar iċ-Ċentinarju mindu saret din is-sena. Għal iżjed tagħrif dwar Dun Pawl Saydon u l-ħidma sfiqa u bla heda tiegħu b'risq il-Parroċċa u l-Festa ta' Santa Katarina V.M. ara: Anthony Mangion f'Santa Katarina il-Festa u s-Soċjetà Mużikali tagħha fiż-Żurrieq - paġni 171 – 183.
4. Dun Ġużepp Farrugia, saċerdot Żurrieqi minnNigret kien Kappillan tal-Isptar Mentali. Magħruf bħala l-'Lasta' minħabba l-istatura twila ta' persuntu. Poeta tajjeb u kittieb ta' diversi kotba tal-Mogħdija taż-Żmien li ġew ippubblikati fil-bidu tas-seklu għoxrin.
5. Fil-maġġoranza tal-każi tal-laqmijiet li ltqajt magħhom fit-tlett irħula l-oħra li koprejt, il-laqmijiet tal-familji għadhom l-istess u f'każi ta'ġlied bejn partitarji tal-festi opposti, dawn jagħtuk indikazzjoni tal-festa li jiffavorixxu. F'każi oħrajn fosthom Ħal Kirkop, diversi laqmijiet intilfu mas-snin jew inbidlu għal oħrajn ġodda.


